MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 40/1999/1

Maltacom plc.

vs

Joseph Caruana Co. Ltd.

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici Maltacom p.l.c. is-somma ta' sitt mija u tnejn u ghoxrin lira maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm 622.82) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni man-numru tat-telex TX 1470 FILCAR liema servizz gie nstallat fil-fond 57, Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex .

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali, tal-15 ta' Gunju, 1996, it-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u l-

imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi :

1. It-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu l-eccipjenti ilha zmien illi nfurmat lis-socjeta' attrici illi hija ma tridx tissokta l-kera tal-apparat ta' Telex meritu ta' din il-kawza, u dan l-apparat ma giex irtirat mis-socjeta' attrici unikament u esklussivament minhabba nuqqas tal-haddiema taghha u ghal ebda raguni ohra .

2. Ghaldaqstant is-socjeta konvenuta ma ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal taghha tat-12 ta’ Ottubru 2004 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob minghand is-socjeta' konvenuta il-hlas tas-somma indikata fl-avviz rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' linja tat-*telex* installata fil-fond indikat .

Ghal din it-talba s-socjeta' konvenuta eccepiet li kien ilha zmien li avzat lis-socjeta' attrici li ma rieditx tinqeda aktar b'dan is-servizz u minkejja li talbet kemm il-darba biex l-appartat tat-*telex* jitnehha, dan baqa' ma sarx minghajr ebda htija da parti taghha .

L-ammont mitlub f'din il-kawza jirreferi ghal kera u uzu ta' *telex machine* installata fl-indirizz tas-socjeta' konvenuta

bejn Marzu 1992 u Gunju 1993[1] . Imma l-avukat Dottor Michael Caruana spjega fid-depozizzjoni tieghu kif kien ilu zmien twil jitlob lill-impjegati tas-socjeta' attrici jmorru jigbru dan l-apparat, billi ma kienx ghad ghandu bzonnu, partikolarment ghaliex sa dakinhar kienet lahqet giet zviluppata teknologija ferm aktar avanzata kif wiehed jista' jircievi jew jibghat messaggi . Madnakollu ghal xi raguni jew ohra l-impjegati tas-socjeta' attrici hadu z-zmien taghhom biex finalment marru jaqilghu dan l-apparat . Fisser ukoll kif, billi l-magna nstallata fl-ufficcju taghhom kienet difettuza, kienet taqbad u tixghel jew titfi minn jeddha, minghajr ma jkun qed isir uzu proprju taghha, u ghalhekk setghet immarkat uzu li ghalieh qed jintalab il-hlas, meta fil-fatt ma kienx qed isir uzu minnha . Dan kollu ma gie bl-ebda mod kontradett mir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici u l-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandhiex temmen il-verzjoni tal-fatti kif esposta mill-avukat Caruana.

F'tali cirkostanzi l-Qorti thoss illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tigi mgeghela thallas ghal apparat li baqa' stallat ghandha kontra r-rieda espressa taghha .

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------

[1] ara statement esebit a fol. 17 tal-process u depozizzjoni ta' Joseph Debrincat a fol. 10 – 12